# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ottubru 2018**

**Numru 19**

**Rikors maħluf numru 38/2016 JPG**

**Antonia Attard Gialanzè f'isimha *proprio* u għan-nom ta' *AAG Limited***

***v.***

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali; Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali; l-Avukat Ġenerali għal kull interess li jista' jkollu; u b'dikriet tal-20 ta' Diċembru 2016 il-konjuġi Joseph u Francesca Ghiller tħallew jintervjenu *in statu et terminis***

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fl-14 ta' Frar 2018 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali li ċaħdet talba tal-atturi għal rimedju għal dak li dehrilhom li kien ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["il-Konvenzjoni"], u tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom imħares taħt l-art. 37 tal-Kostituzzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni

[“l-Ewwel Protokoll”]. Il-fatti safejn relevanti għal dan l-appell huma dawn:

2. L-intervenuti Ghiller kienu fetħu kawża[1] kontra l-atturi tallum u talbu *inter alia* illi jitneħħew xi strutturi mill-fond tal-atturi tallum – konvenuti f’dik il-kawża – billi fil-fehma tagħhom dawk l-istrutturi kienu bi ksur tal-liġi u tad-drittijiet tagħhom. Waqt is-smigħ tal-kawża, fit-30 ta’ April 2014, Ghiller għarrfu lill-qorti illi dawk strutturi kienu qegħdin ukoll joħolqu sitwazzjoni ta’ perikolu u l-qorti għalhekk b’dikriet tat-18 ta’ Ġunju 2014 ħatret perit tekniku li kellu jgħarraf lill-qorti minnufih jekk isib li tassew kien hemm perikolu.

3. Fit-2 ta’ Ġunju 2015 il-qorti, wara li rat verbal ta’ seduta quddiem il-perit tekniku li semma’ “perikolożità imminenti”, irriservat illi tipprovdi *in camera*. B’nota tat-3 ta’ Ġunju 2015 l-atturi tallum iddikjaraw illi jekk il-qorti f’dak l-istadju, qabel ma ngħalaq il-ġbir tax-xiehda tagħhom, tiddeċiedi li titneħħa l-istruttura meqjusa perikoluża, tkun qiegħda b’dikriet tiddeċiedi parti mill-meritu tal-kawża. Minkejja dan il-qorti b’dikriet mogħti f’seduta miżmuma fit-18 t’Ottubru 2015 ordnat illi l-istruttura titneħħa fi żmien ħmistax minn dakinhar.

4. B’rikors tas-16 t’Ottubru 2015 l-atturi talbu permess jappellaw minn dak id-dikriet iżda l-qorti fit-23 t’Ottubru 2014 ċaħdet it-talba għax “peress illi *si tratta* ta’ sitwazzjoni ta’ perikolu, mhux għaqli għalhekk aktar dewmien”. B’rikors ieħor tat-18 ta’ Diċembru 2015 l-atturi talbu t-tħassir *contrario imperio* tad-dikriet ta’ ċaħda ta’ permess għal appell,

---

[1] Rikors maħluf numru 1086/2012.

billi dan ingħata bla ma nstemgħu l-partijiet. Il-qorti laqgħet it-talba, ħassret id-dikriet u ordnat illi jinstema' r-rikors li bih kien intalab dak il-permess. Ir-rikors instema' fl-14 ta' Jannar 2016 u wara, b'dikriet mogħti dakinhar stess, il-qorti reġgħet ċaħdet it-talba.

5. Billi dehrilhom li dan sar bi ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni u l-art. 6 tal-Konvenzjoni u tal-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom taħt l-art. 37 tal-Kostitizzjoni u l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll, l-atturi fetħu din il-kawża tallum u talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara li … … … ġew leżi d-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-esponenti u senjatament għal dawk sanciti mill-artikoli suddetti;
>
> »2. jogħġobha tagħti dawk il-provvedimenti u dawk l-ordnijiet kollha possibbli sabiex jitħarsu dawn id-drittijiet, inkluż iżda mhux biss it-tħassir tal-ordni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-8 t'Ottubru 2015.«

6. L-ewwel qorti, wara li ħelset lis-Segretarju Permanenti u lir-Reġistratur tal-Qrati mill-ħarsien tal-ġudizzju, ċaħdet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-qorti ma taqbilx mal-ilment tar-rikorrenti illi, permezz tad-digriet tagħha *pendente lite*, il-Prim'Awla diġà iddeċidiet parti mill-kontroversja ta' bejn il-partijiet. Il-qorti tagħraf illi, permezz tad-digriet tagħha, il-Prim'Awla ma għamlitx determinazzjoni tal-meritu tal-kawża, fis-sens illi ma ddeterminatx jekk l-istruttura in kwistjoni kinitx saret b'mod abbużiv jew illegali. Minflok, il-Prim'Awla iddeterminat biss jekk kienx minnu li kien hemm sitwazzjoni ta' perikoli għall-konjuġi Ghiller, fatt illi huwa kompletament indipendenti mill-kwistjoni ta' jekk l-intimati (ir-rikorrenti odjerni) jistgħux b'mod in ġenerali jkollhom din l-istruttura fuq it-terrazzin tagħhom. Filfatt, anke jekk il-qorti kellha tiċħad it-talba magħmula fir-rikors ġuramentat tal-konjuġi Ghiller rigward din l-istruttura, dan ma jkunx ifisser illi r-rikorrenti odjerni għandhom *carte blanche* sabiex joħolqu jew iżommu fis-seħħ sitwazzjoni ta' perikolu għal persuni oħra. Fi ftit kliem, il-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti odjerni għandhomx dritt ikollhom l-istruttura *de quo* hija kwistjoni kompletament independenti mill-kwistjoni dwar il-perikolu ikkrejat minn din l-istruttura u kif dan għandu jiġi rimedjat. Ebda waħda minn dawn il-kwistjonijiet ma tagħmel stat ta' fatt fuq l-oħra. Filfatt, il-Prim'Awla ordnat lir-rikorrenti odjerni sabiex ineħħu l-istruttura *in vista* tal-fatt li skont il-perit tekniku maħtur mill-qorti din kienet tikkostitwixxi perikolu, u mhux għaliex l-istruttura kienet meqjusa illegali jew abbużiva,

kwistjoni li dwarha għad irid isir aċċertament ġudizzjali finali. Il-qorti qieset ukoll il-livell ta' disinteress, it-tul ta' żmien li r-rikorrenti odjerni ħadu sabiex iressqu l-provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom, li wassal għall-fatt li l-Prim'Awla kienet għadha ma ppronunzjatx is-sentenza tagħha fiż-żmien li ġiet intavolata din il-kawża. Dak li din l-qorti trid tiddetermina … … …huwa filfatt jekk, fl-għoti tad-digriet lamentat, il-Prim'Awla ħarsitx id-dritt ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti odjerni.

»… … …

»Il-qorti rat illi f'dan il-każ ir-rikorrenti fil-kawża ċivili u *cioè* l-konjuġi Ghiller kienu talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex tordna t-tneħħija ta', fost oħrajn, *tegole* tal-*asbestos* mill-proprjetà tal-intimati (ir-rikorrenti odjerni), li skont huma kienu jesporġu u illegalment jinvadu għal fuq il-proprjetà tagħhom, *oltre* li allegatament jidderiġu l-perkolazzjoni tal-ilma għal fuq il-proprjetà tagħhom. Dawn l-allegati fatti ġew ikkontestati mill-intimati, u l-Prim'Awla kienet qed tisma' l-provi dwar il-meritu tal-każ. Fis-26 ta' Novembru 2013, il-kawża kienet ġiet differita għal provi tal-intimati, u *cioè* r-rikorrenti odjerni, wara li l-konjuġi Ghiller kienu ddikjaraw illi l-unika provi li kien għad fadlilhom kienu dokumenti, li filfatt kienu ġew preżentati fir-reġistru fis-6 ta' Jannar 2014 u notifikati lill-avukat difensur tal-intimati fid-9 ta' Jannar 2014. Fl-udjenza li kien imiss, l-intimati ma dehrux u kien deher għalihom l-avukat difensur tagħhom, li informa lill-qorti li ma kellux komunikazzjoni [mal-]intimat. Fid-differiment ta' wara, u *cioè* fit-30 ta' April 2014, la l-intimati u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma kienu preżenti għall-kawża. Dakinhar il-qorti kienet ġiet informata minn Joseph Ghiller illi kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu. Il-qorti għalhekk kienet ħalliet il-kawża għall-aħħar darba għal provi tal-intimati, u irriservat illi jekk l-intimati ma jġibux provi kienet ser tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li kien hemm.

»F'dan l-istadju din il-qorti tinnota illi għalkemm il-kawża kienet ilha mħollija għall-provi tal-intimati sa mis-26 ta' Novembru 2013, u *cioè* ħames xhur, l-intimati kienu għadhom ma ressqu ebda provi.

»Fid-differiment li kien imiss, u *cioè* fit-13 ta' Mejju 2014, għal darba oħra la l-intimati u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru, u għalhekk il-qorti ddikjarat il-provi tal-intimati magħluqa u ddifferiet il-kawża għat-trattazzjoni finali. Jumejn wara dan, l-intimati ippreżentaw rikors fejn talbu lill-qorti tippermettilhom jippreżentaw il-provi tagħhom qabel ma tgħaddi għas-sentenza, u l-qorti kienet laqgħat din it-talba u ordnat illi l-intimati jressqu l-provi kollha li kellhom sas-seduta li kien imiss. Fis-seduta li kien imiss, l-intimati produċew erba' xhieda, li ġew kontro-eżaminati mir-rikorrenti, ġiet preżentata nota b'dokumenti, u l-qorti, filwaqt li ħalliet il-kawża għal kontiwazzjoni, ħatret lil Perit Mario Cassar bħala perit tekniku sabiex jagħmel aċċess malajr kemm jista' jkun u jinforma lill-qorti minnufih jekk jirriskontra xi sitwazzjoni ta' perikolu.

»Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2014, l-intimati u l-avukat difensur għal darba oħra reġgħu ma dehrux, għalkemm il-kawża kienet ġiet imsejħa darbtejn. L-avukat difensur tal-konjuġi Ghiller kienet informat lill-qorti li, wara l-maltemp, is-sitwazzjoni kienet kompliet taggrava ruħha, u għalhekk il-qorti kienet ordnat il-komunika ulterjuri lil Perit Cassar, u ordnat lill-intimati illi jagħalqu l-provi tagħhom fis-seduta li

kien imiss. Nel frattemp, l-intimati ressqu provi quddiem il-perit tekniku sabiex jirribattu l-allegazzjoni tal-konjugi Ghiller li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu.

»Min-naħa tiegħu, wara li ra l-provi mressqa mill-intimati u żamm aċċess fil-fond in kwistjoni, il-perit tekniku ikkonkluda li l-istruttura tal-injam li kienet qed iżżomm il-*corrugated sheeting* kienet perikolanti, speċjalment f'każ ta' riħ qawwi, u għalhekk talab id-direzzjoni tal-qorti f'dan ir-rigward u dan kif jidher mir-relazzjoni tiegħu tat-30 ta' Ġunju 2015. Fl-10 ta' Lulju 2015 l-intimati ippreżentaw rapport ta' perit inkarigat minnhom, u *cioè* l-Perit Joseph Spiteri, li kien tal-opinjoni li din l-istruttura ma kinetx perikolanti, u li kellha biss terġa' tiġi eżaminata fi żmien sena.

»*In vista* tar-rapport tal-perit tekniku, il-qorti fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2015 ordnat it-tneħħija immedjata tal-istruttura tal-injam li kienet qed iżżomm il-*corrugated sheeting* li jinsab fuq it-terrazzin tal-proprjetà tal-intimati. L-intimati għalhekk talbu permess sabiex jappellaw dan id-digriet fis-16 ta' Ottubru 2015, liema talba kienet ġiet miċħuda mill-qorti peress li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu u għalhekk ma kienx għaqli li jkun hemm aktar dewmien. L-intimati ippreżentaw rikors ieħor fit-18 ta' Diċembru 2015 fejn talbu lill-qorti sabiex tirrevoka l-imemmi digriet *contrario imperio* u tappunta r-rikors tagħhom għas-smigħ, peress illi qabel ma tat id-digriet impunjat il-qorti ma kinetx semgħat is-sottomissjonijiet tal-partijiet *viva voce.* Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2016 il-qorti laqgħat it-talba, irrevokat id-digriet imsemmi u semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet fuq ir-rikors tas-16 ta' Ottubru 2015, wara liema ċaħdet l-istess rikors peress li kien hemm sitwazzjoni ta' perikolu, u kien dan li wassal lill-intimati sabiex jintavolaw il-proċeduri odjerni.

»Ikkonsidrat dan, din il-qorti hija tal-fehma li assolutament ma jistax jingħad li ġie leż id-dritt tar-rikorrenti odjerni għas-smigħ xieraq, għaliex jidher biċ-ċar illi l-Prim'Awla akkordat lir-rikorrenti opportunità piena illi jippreżentaw il-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom dwar it-talba tal-konjuġi Ghiller, u akkordat anke ċ-ċans illi jippreżentaw il-provi tagħhom fil-meritu minkejja d-diżinteress tagħom fil-kawża, in-nuqqas ta' dehriet tagħhom quddiem il-qorti b'mod repetut, tant illi bdew jipproduċu l-provi tagħhom aktar minn sitt xhur wara li l-kawża kienet ġiet differita għal provi tagħhom. Il-qorti tikkonsidra illi minn eżami tal-atti tal-kawża pendenti quddiem il-Prim'Awla, il-Prim'Awla ħarset bir-reqqa d-dritt tar-rikorrenti odjerni għas-smigħ xieraq, u għalhekk l-ilment tagħhom f'dan ir-rigward huwa infondat.

»Ir-rikorrenti jsostnu wkoll illi l-provvediment lamentat tal-Prim'Awla huwa leżiv tad-dritt tagħhom għat-tgwadija paċifika tal-proprjetà.

»… … …

»Il-qorti rat illi f'dan il-każ id-digriet fejn il-Prim'Awla ordnat illi titneħħa l-istruttura in kwistjoni kien ingħata mill-qorti wara li l-perit tekniku minnha maħtur kien irrelata illi din l-istruttura kienet qed toħloq sitwazzjoni ta' perikolu, speċjalment f'każ ta' riħ qawwi. … … … [l]d-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà m'huwiex wieħed bla limiti, u fil-fehma tal-qorti dan id-dritt żgur li ma jistax jiġi invokat mir-rikorrenti sabiex iżommu struttura li tqiegħed fil-perikolu l-inkolumità fiżika ta' persuni oħra. Kif ingħad aktar 'il fuq, il-Prim'Awla għadha ma ddeċiditx jekk din l-istruttura għandhiex titneħħa b'mod permanenti għaliex ir-rikorrenti odjerni ma kellhomx dritt jagħmluha *ab initio*, iżda ddeċidiet

> sempliċiment li għandha tiżżarma sabiex jitneħħa l-perikolu li kienet qed toħloq. Il-qorti tinnota *inoltre* li f'każ ta' eżitu favorevoli r-rikorrenti dejjem għad ikollhom id-dritt li jirrimpjazzawha jekk iridu jagħmlu hekk. Għalhekk fil-fehma tal-qorti anke dan l-ilment huwa infondat.«

7. L-atturi appellaw b'rikors tal-5 ta' Marzu 2018 li għalih wieġbu Ghiller fl-20 ta' Marzu 2018, wieġeb l-Avukat Ġenerali fit-22 ta' Marzu 2018, u wieġeb is-Segretarju Permanenti fit-22 ta' Marzu 2018.

8. L-atturi fissru hekk l-aggravju tagħhom:

> »… … … l-esponenti ma jaqblu xejn mal-ewwel onorabbli qorti illi l-Prim'Awla ma kinitx qed tiddetermina d-dritt ċivili li kien mertu tat-talbiet fil-kawża, u dan għaliex proprju malli kienet qed tordna t-tneħħija tal-istruttura in kwestjoni, kienet ukoll qed tordna t-tneħħija tat-*tegole* lamentati mill-atturi; b'mod li, tajjeb jew hazin, fl-ordni għat-tneħħija tal-istruttura, kien hemm ukoll ordni li taffettwa l-parti l-kbira tal-mertu. L-esponenti umilment jissottomettu illi lanqas ma huwa f'loku dak li ddikjarat l-ewwel onorabbli qorti, fis-sens illi, jekk event-walment jinstab li din l-istruttura ma kinitx leżiva tad-drittijet tal-atturi, l-esponenti setgħu jirrimpjazzawha; u dan għaliex ladarba l-istruttura kienet se titneħħa, tkun tneħħiet (din fil-fatt ma kinitx struttura zgħira jew li tinqala' b'faċilità).
>
> »Illi l-esponenti lanqas ma jaqblu, kif iddikjarat l-ewwel onorabbli qorti, illi ngħataw kull opportunità li jressqu l-provi tagħhom dwar dan il-punt. Filwaqt li l-atturi kienu ressqu l-provi kollha tagħhom dwar kull punt fil-mertu, u għalquhom, l-esponenti kienu għadhom qed iressqu l-provi tagħhom, tant li anke wara d-digriet in kwestjoni fejn il-Prim'Awla ordnat it-tneħħija, l-esponenti komplew iġibu l-provi tagħhom anke dwar din l-istruttura. Illi proċeduralment kien ikun korrett għall-Prim'Awla illi *se mai* tagħti l-fakoltà lill-esponenti jġibu l-provi tagħhom imqar fuq dan il-punt biss, qabel ma tgħaddi għal sentenza parzlali dwaru, u mhux minflok tagħti digriet illi finalment l-esponenti lanqas ingħataw id-dritt li jappellaw minnu;
>
> »Illi fil-fatt is-sitwazzjoni li nħolqot f'dil-kawża hija għalkollox anomala u dan peress li jidher ċar illi qabel m'għaddiet għas-sentenza finali l-qorti, permezz ta' sempliċi digriet li minnu ġie anke miċħud id-dritt t'appell *ai termini* tal-artikolu 229 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, iddeċidiet parti mill-mertu tal-kawża, senjatament it-tieni talba tal-konjuġi Ghiller fir-rikors ġuramentat. B'dak id-digriet, sia jekk *trattando-si* ta' perikolu jew ta' xi ħaġa oħra, il-qorti ddeċidiet il-mertu, u xejn anqas. … … … [F]il-kaz odjern, dan kien proprju dak li għamlet il-Prim'Awla: iddeterminat it-tieni talba fir-rikors ġuramentat, u dan *sia* jekk sar indirettament jew direttament.
>
> »Illi għalhekk irriżultat sitwazzjoni ta' preġudizzju kbir għall-esponenti, fejn filwaqt li għadhom qed iġibu l-provi tagħhom, inkluż fost oħrajn fuq din l-istess tieni talba, il-qorti qatgħethielhom fil-qasir u ddeċidiet dak l-istess mertu li kienu għadhom ma nġabux il-provi kollha dwaru.

»Illi dan kollu jindika biċ-ċar illi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti, fost oħrajn ta' smigħ xieraq, qiegħed jiġi pależament miksur, u dan bi ksur tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll artikolu 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Illi dan l-aġir jikser ukoll id-dritt għat-tgawdija tal-proprjetà da parti tal-esponenti, u dan bi ksur ta' artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali.

»… … …

»Illi fil-każ odjern l-esponenti ma ngħataw bl-ebda mod l-opportunità jikkummentaw, f'kull stadju, kemm fuq il-provi miġjuba mill-atturI u kif ukoll fuq l-osservazzjonijiet magħmula mill-perit tekniku maħtur mill-Prim'Awla. Dak li s-soltu japplika għar-rapport ta' perit tekniku, u *cioè* li ssir eskussjoni b'mistoqsijiet dwar dak li jkun osserva l-perit, jew għall-inqas nota ta' kritika (jekk dejjem kien hemm din l-urġenza kollha) għal dak li qal il-perit, ġie kollu skartat mill-Prim'Awla u lill-esponenti ma kkonċeditilhom l-ebda kelma qabel m'għaddiet għad-digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju 2015; tant li kellhom ir-rikorrenti permezz ta' noti u minn jeddhom juru huma nfushom il-preokkupazzjoni tagħhom dwar dak li kienet ser tagħmel il-Prim'Awla; u dan, apparti t-talba sabiex jappellaw mid-digriet (li ma ġietx milqugħa), kien l-uniku rimedju li kellhom l-esponenti f'dak l-istadju sabiex juru lill-Prim'Awla li ma setgħetx tgħaddi għal digriet ta' din ix-xorta mingħajr ma tismagħhom u tippermettilhom iġibu l-provi imqar limitatament għal dan il-punt partikolari.

»Illi d-dritt għal *adversarial proceedings* irid jiġi eżerċitat f'kundizzjonijiet sodlsfaċenti; kull parti għall-proċeduri għandu jkollha l-possibilità li tiffamiljarizza lilha nfisha mal-provi miġjuba, kif ukoll il-possibilità li tikkummenta fuq l-eżistenza, il-kontenut u l-awtentiċità tad-dokumenti fi żmien meqjus adattat għaldaqshekk … … …

»Il-partijiet għandu jkollhom ukoll l-opportunità li jagħmlu magħrufa l-provi li għandhom bżonn sabiex il-pretensjoni tagħhom tirnexxi … … …

»Il-qorti nfisha għandha tirrispetta dan id-dritt, anke jekk per eżempju tiddeċiedi punt a bażi ta' oġġezzjoni li tkun qajjmet il-qorti stess … … …

»Għandu jkun għall-partijiet biss li jiddeċiedu jekk dokument imressaq min-naħa l-oħra jew inkella xiehda li ngħatat għandhiex bżonn il-kummenti tagħhom. Il-fiduċja li l-litiganti għandu jkollhom fit-tħaddim tal-ġustizzja huwa bbażat fuq l-għarfien tal-fatt li ħa jkollhom l-opportunità li jesprimu l-veduti tagħhom fuq kull dokument fil-proċess … … …

»F'din il-kawża l-esponenti ma kellhom, għall-kuntrarju, l-ebda opportunità li jesprimu xejn fuq id-dokumenti u xiehda tal-atturi li kien hemm fil-proċess sa dak l-istadju.

»Apparti r-rispett għall-prinċipju ta' *adversarial proceedings*, hemm ukoll ir-rekwiżit tal-*equality of arms*. Dan ifisser li jrid ikun hemm bilanċ ġust (*fair balance*) bejn il-partijiet … … … Ifisser allura li kull parti għandha tingħata opportunità raġonevoli li tippreżenta l-każ tagħha, inkluż l-evidenza, b'kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantagg fil-konfront tal-parti l-oħra.«

9. Il-kompitu ta' din il-qorti ma huwiex li tara jekk id-deċiżjoni tal-qorti fil-kawża bejn Ghiller u l-atturi kinitx korretta, fil-meritu jew proċeduralment, iżda jekk id-deċiżjoni u l-proċess li wassal għaliha kinux bi ksur tal-jeddijiet tal-atturi għal smigħ xieraq u għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Għalhekk kull argument dwar jekk id-deċiżjoni kellhiex tingħata b'dikriet jew b'sentenza ma huwiex relevanti għall-għanijiet ta' din il-kawża; il-kwistjoni pjuttost hi jekk il-qorti bid-deċiżjoni tagħha li titneħħa l-istruttura perikoluża qatgħetx parti mill-meritu tal-kawża li kellha quddiemha bla ma tat smigħ xieraq lill-atturi.

10. Essenzjalment il-premessi għall-ilment tal-atturi huma illi l-qorti (i) iddeċidiet parti mill-meritu tal-kawża u (ii) ma tathomx opportunità li jinstemgħu.

11. Dawn iż-żewġ premessi huma t-tnejn manifestament żbaljati.

12. Fil-kawża ċivili li fetħu kontra l-atturi tallum Ghiller ma talbux it-tneħħija tal-istruttura għax perikoluża iżda għax din l-istruttura tikkonsisti f'"*tegole*, *ossia* madum, tal-*asbestos* li jestendu u jinvadu għal fuq il-proprjetà [ta' Ghiller] *oltre* li jidderieġu l-perkolazzjoni tal-ilma għal fuq il-proprjetà [ta' Ghiller]". Il-kwistjoni tal-perikolu ma kinitx parti mill-meritu tal-kawża iżda kienet episodju li nqala' waqt is-smigħ. Meta sabet li tassew kien hemm perikolu – li għalhekk kellu jitneħħa bla dewmien – il-qorti ħalliet għalkollox bla preġudizzju l-meritu tal-kawża, *viz.* jekk kienx hemm invażjoni tal-proprjetà tal-atturi jew ħolqien ta' servitù ta' stilliċidju. Għalhekk ma kien hemm ebda deċiżjoni finali dwar drittijiet ċivili tal-atturi. Jekk eventwalment jinstab illi kellhom kull

jedd li jżommu l-istruttura fejn kienet, din tista' terġa' titqiegħed – jekk hux b'faċilità jew b'anqas faċilità huwa irrelevanti – u dwar l-ispejjeż tiddeċiedi l-qorti f'kawża li tista' ssir dwar il-meritu jekk kienx hemm tassew perikolu jew le, li fiha kull parti tinstema u tressaq ix-xiehda tagħha.

13. Jekk iżda fil-kawża ċivili bejn Ghiller u l-atturi – li ma kinitx dwar perikolu u li għalhekk ebda deċiżjoni fiha ma kienet sejra taqta' finalment dik il-kwistjoni -– kien hemm il-ħtieġa li titneħħa l-possibilità reali li ssir ħsara lill-persuni jew lill-proprjetà, l-atturi tallum ma ġarrbu ebda ksur tal-jedd għal smigħ xieraq billi l-qorti b'miżura interlokutorja, li l-għaqal ried li tittieħed bla dewmien u li ħalliet bla preġudizzju l-posizzjoni legali tal-partijiet, iddeċidiet illi l-perikolu jitneħħa minnufih.

14. Lanqas ma hu minnu li l-atturi ma ngħatawx fakoltà li jistemgħu. Fil-kuntest ta' sitwazzjoni li ma kinitx sejra tolqot il-posizzjoni legali tal-partijiet u fejn ma kienx għaqli li d-deċiżjoni ddum ma tittieħed, l-opportunità li kellhom l-atturi li jsemmgħu leħenhom kienet aktar minn biżżejjed, bla ma tqis ukoll illi – kif jixhed l-*iter* tal-kawża ċivili u n-numru ta' seduti li fihom l-atturi tallum għażlu li ma jidhrux – l-interess tal-atturi jidher li kien mhux tant li jinqdew bl-okkażjonijiet li ngħataw biex iressqu x-xiehda tagħhom iżda pjuttost li jtawwlu l-proċeduri kemm jista' jkun.

15. L-allegazzjoni tal-atturi li huma ġarrbu ksur tal-jedd għal smigħ xieraq hija għalhekk għal kollox fiergħa.

16. L-atturi jilmentaw illi nkisrilhom ukoll il-jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom.

17. Iżda l-atturi ma tilfu ebda jedd għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom. Kif intqal aktar 'il fuq, ma ttieħdet ebda deċiżjoni finali dwar il-jedd tal-atturi fuq l-istruttura, u ma ttieħed ebda pass li ma jistax jitreġġa' lura jekk l-atturi jfittxu r-rimedju ċivili opportun u juru illi tassew għandhom dak il-jedd. Ittieħdet biss miżura meħtieġa b'urġenza biex tevita li ssir ħsara.

18. Dan l-ilment ukoll għalhekk huwa wieħed fieragħ.

19. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

20. L-ispejjeż tal-intervenuti fil-kawża jħallsuhom l-intervenuti stess; l-ispejjeż l-oħra, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi *in solidum*, u billi hija tal-fehma illi dan l-appell tallum kien fieragħ u vessatorju, abbuż tal-proċess ġudizzjarju maħsub biss biex jaħli ż-żmien, il-qorti wara li rat l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-atturi appellanti jħallsu lill-parti l-oħra l-ispejjeż għal darbtejn.

Joseph Azzopardi
President

Giannino Caruana Demajo
Imħallef

Noel Cuschieri
Imħallef

Deputat Reġistratur
df